

2. It-tieni motiv jallega ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 1049/2001 flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament Nru 45/2001, peress li l-aċċess għall-informazzjoni mitluba ġie rrifjutat, minkeja li l-kundizzjonijiet għall-iżvelar ġew sodisfatti.
3. It-tielet motiv jallega ksur tal-obbligu ġenerali, taħt l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament Nru 1049/2001 flimkien mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, li jsir eżami ta' kull dokument individwali.
4. Ir-raba' motiv jallega ksur tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001, peress li r-rifjut li jingħata aċċess parżjali għad-dokumenti mitluba ma kienx iġġustifikat.
5. Il-ħames motiv jallega ksur tal-obbligu li tingħata raġuni kif stabbilit mill-Artikoli 7(1) u 8(1) tar-Regolament Nru 1049/2001, peress li l-Parlament naqas milli jindirizza l-argumenti kollha tar-rikorrent

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 1, Vol. 3, p. 331).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2000, dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 13, Vol. 26, p. 102).

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2015 – Hunter vs Il-Parlament

(KawżaT-659/15)

(2016/C 048/80)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Mark Lee Hunter (Pariġi, Franza) (rappreżentant: N. Pirc Musar, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-Deċiżjoni A(2015)8684 C tal-Parlament Ewropew, tas-16 ta' Settembru 2015 li tiċħad it-talba konfermatorja tar-riktorrent għal aċċess għal ċerti dokumenti relatati ma' informazzjoni dwar spejjeż tal-ivvajġġar, beneficij tal-għajxien, beneficij ġħall-infliq ġenerali u spejjeż tal-arrangġamenti tal-persunal ta' Membri tal-Parlament Ewropew;
- tordna lill-Parlament iħallas l-ispejjeż tar-riktorrent skont l-Artikoli 134 u 140 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inklużi l-ispejjeż ta' eventwali intervenjenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikkors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001 ⁽¹⁾ flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001 ⁽²⁾, peress li d-data ta' natura personali mitluba ma hijiex protetta taħt id-dritt Komunitarju

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001 flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001, peress li l-aċċess għall-informazzjoni mitluba ġie rrifjutat, minkeja li l-kundizzjonijiet għall-iżvelar kienu ntlaħqu
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ġenerali, taħt l-Artikoli 2 u 4 tar-Regolament 1049/2001 flimkien mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament 1049/2001, li jitwettaq eżami ta' kull dokument individwali
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament 1049/2001, peress li r-rifjut li jingħata aċċess parżjali għad-dokumenti mitluba ma kienx ġustifikat
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni kif meħtieġ mill-Artikoli 7(1) u 8(1) tar-Regolament 1049/2001, peress li l-Parlament naqas milli jirrispondi għall-argumenti kollha tar-rirkorrent

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 1, Vol. 3, p. 331).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċċassar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal- Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolo 13, Vol. 026, p. 102).

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2015 – Clerix vs Il-Parlament

(Kawża T-660/15)

(2016/C 048/81)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Kristof Clerix (Brussell, il-Belġju)(rappreżentant: N. Pirc Musar, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rirkorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla d-Deċiżjoni A(2015)8327 C tal-Parlament Ewropew, tal-14 ta' Settembru 2015 li tiċħad it-talba konfermatorja tar-rirkorrent għal aċċess għal ċerti dokumenti relatati ma' informazzjoni dwar spejjeż tal-ivvajġġar, beneficij tal-għajxien, beneficij ġħall-infiq ġenerali u spejjeż tal-arrangġamenti tal-persunal ta' Membri tal-Parlament Ewropew;
- tordna lill-Parlament iħallas l-ispejjeż tar-rirkorrent skont l-Artikoli 134 u 140 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inklużi l-ispejjeż ta' eventwali intervenjenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rirkorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament 1049/2001 ⁽¹⁾, flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament 45/2001 ⁽²⁾, peress li d-data ta' natura personali mitluba ma hijiex protetta taħt id-dritt Komunitarju